MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1332/2003

Mirage Holdings Limited

Vs

Polidano Bros Ltd

Seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mitejn u sitta u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm286.22) in kwantu ghas-somma ta’ Lm259.22 prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u Lm27 hlas ta’ imghax sad-data tal-prezentata ta’ l-avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm286.22), bl-imghax mit-3 ta' Lulju 2003 sad-data tal-hlas.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------